TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 72

KAZ NRU. 93

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Josephine Bonello
u
Messrs Agio Tobacco Co. Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tat-2 ta' Mejju 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-Xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz hu dwar tkeccija ta' Josephine Bonello mill-Kumpanija Messrs Agio Tobacco Company Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm seduta wahda li fiha l-appellant dehret ghaliha nifisha filwaqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata minn Mr. Frans E. Dodebier General Manager tal-Agio Tobacco Co. Ltd. assistit mis-Sinjorina Marvic Attard.

3. Statements of Case. L-appellant qalet li hi dahlet mal-Kumpanija Agio Tobacco fis-17 ta' Mejju, 1979, u spiccat fit-30 ta' Ottubru, 1979, bla ma qatt qalghet 'warnings' la fuq xoghol u inqas fuq imgieba hazina. Fl-ahhar t'Awissu telqet biex tmur tahdem band ohra u wara tlett ijiem regghet marret ghand il-Manageress tal-Agio Tobacco Co. Ltd. u

/2. .....

talbitha biex tirtira n-'notice' li kienet tat ghax ma kienetx ser tmur tahdem band'ohra. Il-Manageress accettata mill-ewwel izda wara ftit taz-zmien il-Manageress bdiet taghmlilha hajjitha infern, bdiet tikkritikaha u tippersegwitaha u kontinwament tistaqsiha l-istess mistoqsijiet jum wara l-iehor sakemm fl-ahhar korriet u kellhom jehduha l-isptar. Meta baghtuha d-dar u telghalha d-deni omma cemplet il-fabbrika u wara hamest ijiem marret it-tabiba u bdiet tghajjat kemm tiflah maghha u ordnatilha li tmur il-fabbrika ghax-xoghol kwazi dak il-hin stess. Kif waslet il-Manageress qaltilha li ser thallasha ta' gimgha u ordnatilha titlaq dak il-hin stess allavolja kienet bl-'injury leave'. Ic-certifikat tat-tmien il-'Manageress' kitbitu b'dati hziena u ghalhekk l-appellant qeghda titlob li jitbiddilla c-certifikat u li tigi kompensata tal-hsara li giet kawzata lilha moralment u finanzjarjament.

4. <u>Ghall-Kumpanija</u> gie sottomess li Josephine Bonello bdiet tahdem mal-Kumpanija fl-14 ta' Mejju, 1979 u kompliet tahdem sat-30 t'Awissu, 1979. Fil-31 t'Awissu 1979 hi nfurmat lill-Kumpanija li ma ridietx tkompli tahdem u fl-istess gurnata iffirmat avviz ta' temm ta' mpieg (Dok. A) u rritornat lura lill-Kumpañija l-"overalls" u c-cavetta tal-"locker" taghha. Fit-3 ta' Settembru, 1979, hi regghet marret ghand il-Kumpanija u talbet biex terga' tibda tahdem hemm. Wara li l-Kumpanija kkunsidrat il-kaz taghha, hi regghet giet impjegata <u>mill-gdid</u> bhal ma kien sar f'kazijiet ohra fejn haddiema telqu mix-xoghol minn jeddhom u wara regghu marru lura mall-Kumpanija u ghalhekk Josephine Bonello bdiet perijodu ta' 'probation' mill-gdid, f'liema perijodu l-Kumpanija dehrilha li ma kellux izzomma fl-impieg u dan gie terminat fit-23 ta' Ottubru 1979. (Dok.B), fi zmien li Josephine Bonello kienet ghadha fil-'probationary period' stipulat mill-ligi u ghalhekk il-Kumpanija kellha l-jedd li taghmel dan minghajr ma taghti ebda raguni.

/3. .....

Sostniet ukoll li t-terms ta' l-impieg sar ghal ragunijiet tajba u sufficjenti skond il-ligi. Josephine Bonello kellha diversi nuqqasijiet fix-xoghol taghha kif jidhru mid-dokumenti prezentati Dok. C, D u E. Josephine Bonello giet imwissija bil-miktub kemm fuq xoghol u produzzjoni kemm fuq nuqqasijiet ohra. Gew prezentati dawn id-dokumenti:

Dok. 'A' datat 31 ta' Awissu 1979 juri li Josephine Bonello talbet hi biex titlaq mill-impieg;

Dok. 'B' datat 23 ta' Ottubru 1979, ittra ta' temm ta' mpieg lill-appellant u ragunijiet li wasslu ghal dan il-pass.

Dok. 'C'datat 1 ta' Ottubru 1979, dwar 'final warning on absenteism'.

Dok. 'D' datat 12 ta' Ottubru 1979 dwar "first written warning on account of bad quality".

Dok. 'E' dwar l-incident zghir li kellha meta korriet li juri it-tabib ta' l-isptar San Luqa ma deherlux li kellha xi haga kbira u setghet tirritorna ghax-xoghol.

5. It-Tribunal biex jistharrgg il-punt li qajmet il-Kumpanija dwar it-tieni 'probation' sema x-xhieda ta' Miss Marvic Attard, il-'Manageress'. Din ix-xhud qalet li dan kien uzu ghal fabbrika li dawk li jitilqu minn rajhom u japplikaw li jergghu jidhlu jahdmu, jergghu jidhlu bi 'probation' u dan il-punt kienet ghamlitu car lill-appellant.

/4. .....

6. It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda u wara li ra li l-appellant kienet telqet l-impieg taghha minn rajha fil-31 ta' Awissu, 1979, u regghet bdiet tahdem ma' l-istess Kumpanija fit-3 ta' Settembru izda bhala impieg gdid u ghalhekk taht perijodu ta' prova mill-gdid, liema impieg seta' jigi terminat mill-principal skond l-artikolu 25 (1A) ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952 minghajr ma jkun fl-obbligu li jaghti raguni, isib li dan mhux kaz li t-Tribunal jista' jiehu konjizzjoni tieghu.

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

6 t'Ottubru 1980.

em